*Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)*

# Il-Konferenza Annwali tal-NCPE 2022

Il-Konferenza Annwali tal-NCPE 2022 kienet okkażjoni biex tiġi ppreżentata l-ħidma li twettqet mill-NCPE fl-2021 biex jissaħħaħ it-trattament ugwali skont il-mandat tal-NCPE. L-2021 kienet sena oħra ta' ħidma għall-kisba ta' trattament ugwali fis-soċjetà Maltija. Fil-fatt, ittieħdu diversi inizjattivi, bħall-investigazzjoni ta' każi ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, kampanji ta' għarfien, riċerka, u ħidma fuq politiki sabiex dawk l-individwi u l-gruppi ta' minoranza li qegħdin jiffaċċjaw diskriminazzjoni jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom.

Waqt li kienet qiegħda tindirizza din il-Konferenza, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg tkellmet dwar l-impenn tal-Gvern li jsaħħaħ il-qafas leġiżlattiv dwar l-ugwaljanza biex ikompli jissalvagwardja d-drittijiet għall-ġid ta' kulħadd. Barra minn hekk, sostniet li l-prinċipju ta' trattament ugwali se jiġi integrat sabiex il-politiki u l-liġijiet jirrispondu b'mod aktar effettiv għall-bżonnijiet ta' gruppi differenti fis-soċjetà.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Dr Byron Camilleri stqarr li matul is-snin li għaddew, il-Gvern ħa diversi inizjattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, bħall-iskema taċ-childcare b'xejn, il-Maternity Leave Trust u l-ewwel Strateġija Nazzjonali Kontra r-Razziżmu kif ukoll emendi legali u miżuri biex jissaħħu d-drittijiet ugwali għall-komunità LGBTIQ+. Fil-fatt, enfasizza l-progress sinifikanti ta' Malta f'dan il-qasam, u tenna l-impenn tal-Gvern li jkompli jaħdem biex kulħadd ikun jista' jgawdi l-ugwaljanza u l-libertà mid-diskriminazzjoni.

Waqt iċ-Ċerimonja tal-Premjazzjoni ppreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, r-Riformi u l-Ugwaljanza, Dr Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza s-Sa Rebecca Buttigieg, 19-il organizzazzjoni ġew iċċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza tal-NCPE għall-ewwel darba, u 37 organizzazzjoni ġew iċċertifikati mill-ġdid

bħala konferma tal-impenn tagħhom lejn l-ugwaljanza fil-politiki u l-prattiki fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

L-investigazzjoni tal-ilmenti hija aspett kruċjali tal-ħidma tal-NCPE biex tiżgura li l-ugwaljanza tkun imħarsa fis-soċjetà tagħna. Il-Kummissarju tal-NCPE s-Sa Renee Laiviera spjegat il-proċedura tal-investigazzjoni tal-NCPE dwar każi ta' diskriminazzjoni allegata u ddeskriviet żewġ eżempji ta' każi li ġew konklużi fl-2021 dwar allegazzjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sess.

Barra minn hekk, is-Sa Laiviera tat ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-NCPE fl-2021 b'rabta mal-promozzjoni tal-ugwaljanza, inkluż it-tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet relatati mat-trattament ugwali permezz ta' taħriġ, kampanji ta' għarfien bl-użu ta' mezzi differenti ta' komunikazzjoni, kemm fuq il-midja tradizzjonali kif ukoll fuq il-midja soċjali, u tweġibiet għal talbiet għall-informazzjoni. Fl-2021, l-NCPE kompliet tagħti kontribut għal dokumenti ta' politika nazzjonali, Ewropej u internazzjonali biex tiżgura li l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi ta' gruppi soċjali differenti fis-soċjetà jiġu indirizzati.

It-tieni parti tal-Konferenza ffukat fuq is-suġġett tad-diskriminazzjoni intersezzjonali meta żewġ karatteristiċi jew aktar jinteraġixxu ma' xulxin b'tali mod li jipproduċu forom distinti u speċifiċi ta' diskriminazzjoni. Prof JosAnn Cutajar mill-Fakultà għall-Benesseri Soċjali u s-Sesswalitajiet u l-Ġeneru fl-Università ta' Malta, tat bidu għas-sessjoni u mexxiet id-diskussjoni, li matulha persuni li għexu jew raw diskriminazzjoni intersezzjonali qasmu l-esperjenzi tagħhom. Ir-riżultat ta' din is-sessjoni se jkompli jappoġġa l-ħidma tal-NCPE fis-snin li ġejjin.

**8 ta' Ġunju 2022**